MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta ta' l-1 ta' Ottubru, 2008

Avviz Numru. 29/2008

**Strand Palace Agencies Ltd (C3838)**

**Vs**

**Zaid El Gasi (K.I. 76701L) flimkien
ma martu Innocenza El Gasi (K.I. 483559M)**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef hames mija u disgha u sittin Ewro u disgha u tletin centezmu (€3569.39) dovuta fuq bejgh fuq bazi "wholesale" ta' prodotti ta' l-ikel u x-xorb lill-konvenuti ghall-istabbilment maghruf bhala "Savemart Supermarket" fi Triq in-Naxxar, San Gwann, liema somma hija dovuta:

(a) kwantu ghal €532.75 bhala bilanc minn somma akbar fuq fattura rif 251151 datata 11 ta' Dicembru 2006;

(b) kwantu ghal €165.80 skond fattura rif 252027 datata 8 ta' Jannar 2007;
(c) kwantu ghal €497.20 wara fattura rif 252027 datata 22 ta' Jannar 2007 u nota ta' akkreditament relattiva;
(d) kwantu ghal €398.49 skond fattura datata 19 ta' Frar 2007 rif 253629;
(e) kwantu ghal €302.82 skond fattura rif 254940 datata 22 ta' Marzu 2007;
(f) kwantu ghal €293.80 skond fattura rif 255354 datata 2 ta' April 2007;
(g) kwantu ghal €35.29 skond fattura rif 255355 datata 2 ta' April 2007;
(h) kwantu ghal €821.90 wara fattura rif 257646 datata 28 ta' Mejju 2007, u nota ta' akkreditament relattiva u;
(i) kwantu ghal €521.34 skond fattura rif 258779 datata 25 ta'Gunju 2007 ara prospett u kopji ta' fatturi/noti ta' akkreditament dok A sa M annessi mar-rikors.

Bl-ispejjez tar-rikors u bl-imghaxijiet bl-oghla rata skond il-ligi mid-dati ta' hrug tal-fatturi rispettivi sad-data tal-pagament effettiv, ilkoll kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikati regolarment, il-konvenuti naqsu u ma dehrux fl-24 ta' Settembru 2008 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu komplessivament lis-socjeta' attrici s-somma ta' €3569.39 bl-imghax legali dovuta "a scaletta" mid-data ta' hrug ta' kull fattura esebita in atti sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------